

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Ottubru 2017 – Moravia Consulting vs EUIPO – Citizen Systems Europe (SDC-888TII RU)**

(Kawża T-317/16) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea SDC-888TII RU — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti mhux irreġistrata SDC-888TII RU — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Provi li jistabbilixxu l-kontenut tad-dritt nazzjonali — Regola 19(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 [li saret l-Artikolu 7(2)(d) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/1430] — Produzzjoni ta' provi għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Setgħa diskrezzjonali tal-Bord tal-Appell — Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 95(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”]

(2017/C 402/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Moravia Consulting spol. s r. o. (Brno, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: M. Kyjovský, avocat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Citizen Systems Europe GmbH (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. von Donat, J. Lipinsky, J. Hagenberg, T. Hollerbach u C. Nitschke, avocats)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-1 ta' April 2016 (Każ R 1566/2015-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Moravia Consulting u Citizen Systems Europe.

### Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Moravia Consulting spol. s r. o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 287, 8.8.2016.